A.L. 318 ta' l-2009

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2009 dwar in-Notifikazzjoni, Reġistrazzjoni u Approvazzjoni tal-Operaturi fis-Settur tal-Għalf tal-Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23(b) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2009 dwar in-Notifikazzjoni, Reġistrazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Operaturi fis-Settur tal-Għalf tal-Annimali.

(2) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal:

(a) l-attivitajiet ta' l-operaturi fis-suq ta' l-għalf f'kull stadju, minn u inkluża l-produzzjoni primarja ta' l-għalf, sa u inkluż, it-tqegħid ta' l-għalf fis-suq;

(b) it-tmigħ ta' annimali li jipproduċu jew jintużaw għall-ikel;

(ċ) l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' għalf minn u lejn pajjiżi terzi.

(3) Dawn ir-regoli m'għandhomx japplikaw għal dan li ġej:

(a) il-produzzjoni domestika privata ta' l-għalf:

(i) għal annimali li jipproduċu jew jintużaw għall-ikel miżmuma għall-konsum domestiku privat; u

(ii) għal annimali mhux miżmuma għall-produzzjoni ta' l-ikel;

(b) tmigħ ta' annimali li jipproduċu l-ikel miżmuma għall-konsum domestiku privat jew għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) (ċ) tar-Regolament (KE) Nru. 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' oġġetti ta' l-ikel;

(ċ) tmigħ ta' annimali mhux miżmuma għall-produzzjoni ta' ikel;

(d) il-forniment dirett ta' kwantitajiet żgħar ta' produzzjoni primarja ta' għalf fuq livell lokali mill-produttur lil irziezet lokali għall-użu f'dawk l-irziezet;

(e) bejgħ bl-imnut ta' ikel għall-annimali domestiċi ta' wens.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Awtorita` Kompetenti" tfisser id-Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Veterinarji.

Obbligi ġenerali.

3. Operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali għandhom jiżguraw lil-istadji kollha ta' produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni li jkunu taħt il-kontroll tagħhom għandhom jitmexxew skond il-liġijiet tal-Komunità, il-liġijiet ta' Malta komparabbli magħhom u l-prattika adatta. B'mod partikolari, għandhom jiżguraw li jkunu qegħdin jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-iġjene rilevanti kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru. 183/2005.

Għandu jinżamm riskju baxx.

4. Fit-tmigħ ta' annimali li jipproduċu jew jintużaw għall-ikel, il-bdiewa għandhom jieħdu miżuri u jadottaw proċeduri biex iżommu r-riskju ta' kontaminazzjoni bijoloġika, kimika u fiżika ta' l-għalf, tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali, baxx kemm jista' jkun.

Obbligi speċifiċi.

5. (1) Dwar xogħol fil-livell ta' produzzjoni primarja ta' l-għalf u kull ħidma oħra li jkollha x'taqsam miegħu kif ġej:

(a) il-ġarr, ħażna u tqandil ta' prodotti primarji fil-post ta' produzzjoni;

(b) ħidma ta' trasport għall-kunsinna ta' prodotti primarji mill-post tal-produzzjoni lejn stabbiliment;

(ċ) it-taħlit ta' l-għalf għall-ħtiġiet esklussivi ta' l-ażjendi tagħhom stess bla ma jintużaw addittivi jew taħlit lest ta' addittivi ħlief għal addittivi użati fil-ħżin ta' ħaxix f'fossa,

l-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali għandhom jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005, meta dawk id-dispozizzjonijiet ikunu rilevanti għall-ħidmiet li jkunu qegħdin isiru.

(2) Għal xogħol ieħor barra minn dawk li jissemmew fis-subregola (1) ta' din ir-regola, inkluż it-taħlit ta' l-għalf għall-ħtiġiet esklussivi ta' l-ażjendi tagħhom stess meta jintużaw addittivi jew taħlitiet lesti ta' addittivi ħlief għal addittivi użati fil-ħżin ta' ħaxix f'fossa, l-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali għandhom jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet tal-Anness II mar-Regolament (KE) Nru. 183/2005, meta dan ikun rilevanti għall-ħidma li tkun qegħda ssir.

(3) L-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali għandhom:

(a) jikkonformaw ruħhom ma' kriterji mikrobijoloġiċi speċifiċi;

(b) jieħdu miżuri jew jadottaw il-proċeduri meħtieġa biex jilħqu miri speċifiċi:

Iżda l-kriterji u l-miri msemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2)tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005.

(4) L-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali jistgħu jużaw il-gwidi li hemm provdut dwarhom fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005 biex dawn jgħinuhom jikkonformaw ruħhom ma' l-obbligi tagħhom skond din ir-regola.

(5) Il-bdiewa għandhom jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005 meta jkunu qegħdin jitimgħu annimali li jipproduċu l-ikel.

Kontrolli uffiċjali, notifikazzjoni u reġistrazzjoni.

6. (1) L-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali għandhom jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, skond il-liġijiet tal-Komunità rilevanti u dawn ir-regoli.

(2) L-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali għandhom:

(a) jgħarrfu lill-awtorità kompetenti fiż-mien tlett gimgħat minn notifika li tiġi pubblikata fil-Gazzetta għaldaqstant, b'kull stabbiliment taħt il-kontroll tagħhom, li jkun attiv f'xi stadju tal-produzzjoni, ipproċessar, ħżin, trasport jew distribuzzjoni tal-għalf, hekk kif meħtieġ mill-awtorità kompetenti bil-għan li dawn jiġu reġistrati;

(b) jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'informazzjoni aġġornata fuq kull stabbiliment taħt il-kontroll tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subregola (2) ta' din ir-regola, kif ukoll javżaw lill-awtorità kompetenti b'kull bidla sinifikanti fl-attivitajiet u meta jagħlaq xi stabbiliment eżistenti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha żżomm reġistru ta' l-istabbilimenti.

Approvazzjoni ta' stabbilimenti għan-negozju ta' l-għalf.

7. L-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali għandhom jiżguraw li dawk l-istabbilimenti li jkunu taħt il-kontroll tagħhom u li jkunu koperti bir-Regolament (KE) Nru. 183/2005 jiġu approvati mill-awtorità kompetenti, meta:

(a) dawk l-istabbilimenti jwettqu xi waħda minn dawn l-attivitajiet li ġejjin:

(i) il-manifattura u, jew it-tqegħid fis-suq ta' addittivi ta' l-għalf koperti bir-Regolament (KE) Nru. 1831/2003 jew prodotti koperti bid-Direttiva 82/471/KEE u kif imsemmija fil-Kapitolu 1 ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005;

(ii) il-manifattura u, jew it-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet lesti u li jitħejjew bl-użu ta' l-addittivi ta' l-għalf imsemmija fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005;

(iii) il-manifattura għat-tqegħid fis-suq, jew il-produzzjoni għal bżonnijiet esklussivi ta' l-ażjendi tagħhom stess, ta' għalf kompost li fih jintużaw addittivi ta' għalf jew taħlitiet lesti li jkun fihom addittivi tal-għalf u kif imsemmija fil-Kapitolu 3 ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005; u

(b) l-approvazzjoni tal-awtorita` kompetenti tkun meħtieġa minħabba fil-post fejn ikun jinsab l-istabbiliment.

Ħtiġiet.

8. L-operaturi fis-settur ta' l-għalf tal-annimali m'għandhomx joperaw jekk:

(a) ma jkunux reġistrati skond ir-regola 6 ta' dawn ir-regoli; jew

(b) ma jkollhomx approvazzjoni, meta din tkun meħtieġa skond ir-regola 7 ta' dawn ir-regoli.

Lista ta' stabbilimenti reġistrati u approvati.

9. (1) Għal kull attività, l-awtorità kompetenti għandha telenka f'lista jew listi nazzjonali dawk l-istabbilimenti li hija tkun irreġistrat kif imsemmi fir-regola 6 ta' dawn ir-regoli.

(2) Stabbilimenti approvati mill-awtorità kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005 għandhom jitniżżlu f'lista nazzjonali, u jkollhom numru ta' identifikazzjoni għal kull wieħed minnhom.

(3) L-awtorità kompetenti għandha żżomm aġġornati ir-reġistrazzjonijiet ta' stabbilimenti fil-listi msemmija fis-subregoli (1) u (2) ta' din ir-regola kif hemm fid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005 biex jissospendu, jirrevokaw jew jemendaw xi reġistrazzjoni jew approvazzjoni.

(4) Il-lista msemmija fis-subregola (2) ta' din ir-regola għandha titfassal kif imsemmi fil-mudell stabbilit fl-Anness V, Kapitolu 1 tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005.

(5) In-numru ta' identifikazzjoni msemmi fis-subregola (2) ta' din ir-regola għandu jkollu l-forma stabbilita fl-Anness V, Kapitolu 1 tar-Regolament (KE) Nru. 183/2005.

(6) L-awtorita` kompetenti għandha tippubblika, b'avviż fil-Gazetta, il-lista ta' stabbilimenti msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola.